VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,001, 1 ta' Ġunju, 2018
Taqsima B

A.L. 179 tal-2018

ATT TAL-2018 DWAR IL-PROTEZZJONI U L-PRIVATEZZA TAD-*DATA* (KAP. 586)

Regolamenti tal-2018 dwar l-Ipproċessar ta' *Data* Personali ta' Minorenni fir-rigward tal-Offerta ta' Servizzi minn Soċjetà tal-Informazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 33 tal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*, il-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali, wara konsultazzjoni mal-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data*, bħala l-awtorità kompetenti għall-finijiet tal-Att, u r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2018 dwar l-Ipproċessar ta' *Data* Personali ta' Minorenni fir-rigward tal-Offerta ta' Servizzi minn Soċjetà tal-Informazzjoni.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"Att" tfisser l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*; Kap. 586

"ir-Regolament" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fl-artikolu 3 tal-Att.

(2) L-artikolu 3(2) tal-Att għandu japplika *mutatis mutandis* għal dawn ir-regolamenti.

Kamp ta' applikazzjoni.

3. Il-kamp ta' applikazzjoni u l-għan ta' dawn ir-regolamenti hu li tiġi stabbilita l-età ta' minorenni meta tkun qed tiġi pproċessata *data* personali fil-kuntest ta' servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni fl-assenza ta' kunsens mid-detentur tar-responsabbilità ta' ġenitur fuq il-minorenni konformement mal-Artikolu 8 tar-Regolament.

Ipproċessar ta' *data* personali ta' minorenni.

4. L-ipproċessar ta' *data* personali ta' minorenni fir-rigward ta' servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni jkun legali meta l-minorenni jkollu tlettax-il sena.